**1 ta' Frar, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Schiavone

*versus*

Emmanuele Bajada *noe*

**Kuntratt ta' Impjieg – Kuntratt ta' Impjieg Definittiv – *Conditions of Employment Regulation Act 1952***

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi kien hemm terminazzjoni illegali ta' l-impjieg u kkonfermat anke l-likwidazzjoni tad-danni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur wara li ppremetta illi b'kuntratt tax-xogħol tat-22 ta' Mejju, 1974, l-istanti kien ġie impjegat mas-soċjetà konvenuta biex jaħdem f'Taif, Saudi Arabia bħala *carpenter/joiner* għal perijodu u bil-kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt li ġie esibit u mmarkat Dok. A; illi meta l-istanti wasal f'Taif flimkien ma' sħabu oħrajn huwa sab illi l-fabbrika fejn kellu jaħdem ma kinitx għadha kompluta, il-makkinarju għadu fil-kaxex u ma wasalx kollu u għalhekk l-istanti u sħabu bdew jagħmlu x-xogħol

neċessarju ħalli l-fabbrika tiġi kompluta u l-makkinarju jiġi stallat f'postu funzjonanti; illi meta dan ix-xogħol sar l-istanti ġie ordnat mill-konvenut *nomine* biex minflok ix-xogħol li għalih kien ġie kkontrattat, huwa jagħmel ix-xogħlijiet kollha li ġie ordnat kif jidher mill-ittra tal-11 ta' Ġunju, 1975 li qiegħda tiġi esibita u mmarkata Dok. B u billi l-istanti rrifjuta li jaċċetta li jagħmel dawn ix-xogħlijiet *extra*, il-konvenut *nomine* ttermina illegalment u arbitrarjament il-kuntratt, b'dana illi l-istanti sofra danni ekwivalenti għat-telf ta' salarju mill-11 ta' Ġunju, 1975 sal-31 ta' Diċembru, 1975 ammontanti għal Lm1061.26,0, u inoltre tilef ukoll terz tas-salarju ammontanti għal Lm79.44,4, fix-xahar li kien qiegħed jiġi miżmum mill-konvenut *nomine* u li kellu jitħallas mat-terminazzjoni tal-kuntratt skond il-garanzija bankarja li qiegħda tiġi esibita u mmarkata Dok. Ċ, liema somma tammonta għal Lm1176.32,8 sal-31 ta' Diċembru, 1975; l-istess attur talab li prevja jekk hemm bżonn dikjarazzjoni illi l-konvenut *nomine* arbitrarjament u illegalment ittermina l-kuntratt ta' xogħol tat-22 ta' Mejju, 1974 fuq imsemmi, hu jiġi minn dik il-Qorti kkundannat iħallas lill-istanti in linea ta' danni s-somma ta' Lm1061.26,0 għat-telf ta' salarju li kull xahar kien qiegħed jitħallas lilu u dana mill-11 ta' Ġunju, 1975 sal-31 ta' Diċembru, 1975 u s-somma ta' Lm1176.32,8 li hija komposta minn terz tas-salarju globali li ġiet mill-bidu nett ta' l-impjieg miżmuma mill-konvenut *nomine;* bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Lulju, 1975;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur, il-lista tax-xhieda tiegħu u d-dokumenti "A", "B" u "Ċ" esibiti minnu ma' l-att taċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa illi huwa ma jirrappreżentax is-soċjetà konvenuta u

għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju; u fit-tieni lok eċċepixxa li t-talba attriċi hi infondata fid-dritt u fil-fatt peress li l-kuntratt ta' impieg ġie tterminat skond il-liġi u għal raġuni ġusta u suffiċjenti, – salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut *nomine;*

Rat id-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tas-27 ta' Ottubru, 1975 li bih l-isem tal-konvenut ġie sostitwit bl-isem "Alfred Bajada" u ċjoè l-persuna li kellha r-rappresentanza ġudizzjarja tas-soċjetà konvenuta. Dan id-digriet ingħata fuq talba ta' l-attur, wara li ma kienx hemm opposizzjoni tal-kontroparti. Għalhekk il-kwistjoni mqajjma fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ġiet sorvolata u llum ma hemmx lok li l-Qorti tippronunzja ruħha fuqha;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' Jannar, 1984, li biha ddeċidiet billi prevja li ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* laqgħet it-talba ta' l-attur limitatament għas-somma fuq imsemmija ta' Lm1421.85,6, u għalhekk kkundannat lill-konvenut *nomine* li jħallas lill-attur din is-somma in linea ta' danni in vista li l-konvenut *nomine* ttermina arbitrarjament u illegalment il-kuntratt tax-xogħol fuq riferit. L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal ħamsa u sittin fil-mija (65%) mill-konvenut *nomine* u kwantu għal ħamsa u tletin fil-mija (35%) mill-attur, u dan wara li kkunsidrat dan li ġej:

"Irriżulta li l-attur kien impjegat bħala *"Joiner/Carpenter"* mas-soċjetà konvenuta b'kuntratt għal żmien determinat li kellu jagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 1975. Il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg jirriżultaw mill-kopja tal-kuntratt esibita bħala Dok. A a fol. 5

tal-proċess u fosthom hemm li x-xogħoil kellu jiġi esegwit f'Taif fis-Saudi Arabia'';

''*Irriżulta li l-attur beda jaħdem hemm f'*Ottubru, *1974 u* waqaf jaħdem fil-11 ta' Ġunju, 1975, in segwitu għal tilwima li l-kontendenti ma għarfux isolvu bonarjament bejniethom'';

''Irriżulta li fix-xhur preċedenti, l-attur kien ħadem xogħol li ma jaqax strettament taħt id-deskrizzjoni ta' xogħol li jagħmel ordinarjament *''Joiner/Carpenter''.* Infatti, irriżulta *li l-*attur wasal f'Taif meta l-fabbrika tas-soċjetà konvenuta ma kinitx għadha lesta u armata, u l-attur ġie mqabbad jaħdem xogħol anke estraneu għas-sengħa tiegħu. Imbagħad meta l-fabbrika kienet lesta s-serrar u ċanar fuq il-magni u l-attur deherlu li dak ix-xogħol kien wieħed ta' *''machine operator''* u mhux ta' *''Joiner/Carpenter''*, kif kien impjegat hu. Allura, l-attur u ċerti impjegati oħra avviċinaw lill-konvenut u avżawh li ma kinux lesti li jaħdmu xogħol li ma kienx ta' *''joiner/carpenter''* jekk ma jingħatawx kumpens *extra.* Jidher li ma laħqux ftehim fuq dan il-kumpens u l-konvenut bagħat l-ittra esibita bħala Dok. B (a fol. 9) lill-attur;

*Omissis;*

''Illi l-attur in linea ta' danni qiegħed jitlob li jitħallas għall-paga kollha li kieku kien jaqla' kieku kompla jaħdem sal-31 ta' Diċembru, 1975. Fil-fehma tal-Qorti, però l-attur ma pprovax sodisfaċentement li hu naqas li jsib impjieg ieħor fil-perijodu bejn *it-12 ta'* Ġunju, *1975* u *l-31 ta'* Diċembru, *1975*, u għalhekk id-danni għandhom jiġu likwidati a bażi ta' l-artikolu 25(8) tal-*Conditions of Employment (Regulation) Act 1952* u ċjoè nofs dak li jippretendi l-attur, però biż-żieda tar-*''retention money''*

imsemmi ta' Lm627.41,3. Għalhekk is-somma li qiegħda tiġi likwidata hi komplessivament ta' Lm1421.85,6, (elf erba' mija u wieħed u għoxrin lira, ħamsa u tmenin ċenteżmu u sitt millleżmi) u ċjoè Lm238.33,3 × 6⅔ ÷ 2 = Lm794.44,3 + Lm627.41,3;

Rat a fol. 131 in-nota ta' l-appell tal-konvenut u a fol. 132 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat a fol. 139 ir-risposta ta' l-attur appellat li biha għar-raġunijiet indikati ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellant huma dawn li ġejjin u ċjoè:

1) L-impjieg ta' l-attur kien ta' *Carpenter/Joiner;*

2) Illi x-xogħol li ngħata għall-ewwel erba' xhur ta' l-impjieg kien fuq magna żgħira biex jisserra *frames;*

3) Illi tul l-esekuzzjoni ta' dan ix-xogħol l-attur qatt ma għamel ebda lanjanza;

4) Meta wara ġie mitlub biex jagħmel xogħol fuq il-

*machines* irrifjuta però nonostante dan aċċetta li jbiddel id-deċiżjoni tiegħu jekk jingħata Lm7 żieda fil-paga;

5) Illi meta l-appellant offra li din tkun *bonus* u mhux paga l-appellat irrifjuta;

6) Illi dan juri li l-appellat ma kienx qiegħed joġġezzjona għat-tip ta' xogħol iżda li jieħu salarju akbar minn dak ikkontrattat;

7) Illi l-appellant kien jaħdem ix-xogħol li rrifjuta s-Saudi meta kien jaħdem mas-soċjetà Malta;

8) Illi l-magna li ġie mitlub juża kienet fil-linja tiegħu ta' *joiner*, xogħol li jagħmel *machine operator* u għalhekk ir-rifjut tiegħu li jaħdem ma kienx iġġustifikat u għalhekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet skond il-liġi;

Ikkunsidrat:

Illi hu ovvju mill-istess aggravji ta' l-appell li l-appellant qed jibbażata kollox fuq l-apprezzament ta' dak li effettivament ġara fil-fabbrika tiegħu fis-Saudi Arabia bl-iskop li jipprova li fil-fatt ma kisirx il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' xogħol li kien jorbtu ma' l-*attur* appellat;

Illi f'din il-kawża ma xehdux biss il-partijiet iżda wkoll diversi mpjegati oħra tal-konvenut *nomine* li għaddew mill-istess esperjenzi u oħrajn simili bħall-attur appellat. Mill-assjem ta' dawn il-provi u tenut kont kemm tat-termini tal-kuntratt kif ukoll ta' x'jinvolvi fil-kors normali x-xogħol ta' *carpenter* u *joiner* fis-sengħa tax-xogħol ta' l-injam l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet

għal konklużjoni li l-konvenut *nomine* appellant ma osservax il-kondizzjonijiet tal-kuntratt. Din il-Qorti wara li eżaminat l-istess provi hi ta' l-istess fehma u tara li ftit hemm x'iżżid fuq dak li qalet l-Ewwel Qorti ħlief dan li ġej:

Skond Gennaro Bajada, direttur tas-soċjetà konvenuta l-magni li kellhom fis-Saudi Arabia kienu jqattgħu l-injam għal-lest u mbagħad il-*joiner* jgħaqqdu. Mix-xiehda ta' l-istess Gennaro Bajda kif ukoll ta' diversi xhieda oħra u kif tajjeb spjegat l-Ewwel Qorti *carpenter/joiner* ma jfissirx li dak li jkun jagħmel kull xogħol ta' l-injam iżda jammonta għal kategorija speċifika li hi differenti minn dik ta' *machine operator*. Issa mhux biss jidher ċar mill-provi li l-appellat ġie mitlub jagħmel xogħol ta' *machine operator* u anki xogħol ieħor ta' stallazzjoni ta' magni u anki ta' kostruzzjoni iżda li l-istess konvenut *nomine* f'ċertu żmien aċċetta li x-xogħol li kien qed jagħmel kien jimmerita kumpens *extra* tant li aċċetta li jżid Lm7 fil-ġimgħa. Il-fatt li ma sarx qbil jekk dan il-kumpens ikunx ammont ta' paga jew taħt forma ta' *allowance* hu rrilevanti fil-fehma ta' din il-Qorti għaliex dak li jgħodd hu li l-ħlas li l-konvenut aċċetta li jagħmel kien dovut proprju għall-fatt li l-attur u sħabu kienu qed jagħmlu xogħol ieħor oltre dak li ġew ikkontrattati għalih. Inolte, kif sewwa ġie rrilevat għalkemm il-konvenut ippretenda li kellu dritt jippretendi flessibilità f'dak li hu xogħol dan ma jirriżultax mill-provi, anzi jirriżulta proprju l-oppost. Infatti jirriżulta mhux biss li l-attur u sħabu oġġezzjonaw għall-fatt li ġew mitluba jagħmlu xogħol differenti minn dak li ġew ikkontrattati għalih, iżda anki l-istess konvenut *nomine* wara dan il-każ beda fil-kuntratti sussegwenti fuq provi legali jistipula li jkun hemm flessibilità f'dak li hu xogħol;

Kwantu jirrigwarda s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti

l-appellant ma għamilx sottomissjonijiet u mid-dokumenti esibiti b'*mod speċjali* d-dokumenti a fol. 77 sa 85 li juru dak li ġie ritenut mill-paga u li jissejjaħ *bonus* fil-ftehim, jidher li l-likwidazzjoni raġġunta hija korretta;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell ikun a kariku ta' l-istess konvenut *nomine* appellant.